MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Numru 27/2007

Att ta'l-Akkuza Nru 27/2007.

Ir-Repubblika ta' Malta.

Vs.

Richard Grech

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-akkuzat Richard Grech tal-10 ta' Mejju, 2007 li bih talab li din il-Qorti joghogobha tikkoncedilu l-liberta' provvizorja taht kundizzjonijiet li jiggarantixxu li jidher ghall-process.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali tal-11 ta' Mejju, 2007 li biha, in vista tal-gravita' tar-reati addebitati kontra r-rikorrent u l-karattru refrattarju tieghu, kif jirrizulta kemm

mill-precedenti tieghu kif ukoll mill-fatt li huwa kien gja nghata l-helsien mill-arrest f’ dan il-kaz izda huwa ghazel li jikser il-kundizzjonijiet impost mill-Qorti izjed minn darba, huwa oggezzjona ghat-talba;

Rat id-Digriet Taghha li biha appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoini ghas-17 ta’ Mejju, 2007;

Rat il-verbal tas-17 ta’ Mejju, 2007 li bih Dr. Joseph Brincat talab li r-rikors ma jigix trrattat dak in-nhar (ghax ried li l-ewwel jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu mall-klient) u ghalhekk din il-Qorti kienet, fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni tal-Avukat Generali, iddifferiet ir-rikors *sine die* riappuntabbli b’ rikors mid-difiza;

Rat ir-rikors tal-akkuzat tads-29 ta’ Mejju, 2007 , li bih, peress li ma kienx ghad hemm raguni ghala l-istess rikors ghall-liberta’ ma jergax jitqieghed ghas-smiegh u decizjoni , talab li r-rikors jerga’ jigi appuntat;

Rat id-Digriet Taghha tad-29 ta’ Mejju, 2007 li bih irriappuntat is-smiegh tar-rikors ghall-31 ta’ Mejju, 2007

Semghet it-trattazzjoni tar-rikors fl-udjenza tal-31 ta’ Mejju, 2007, fejn irrizervat li tipprovdi fuq dar-rikors kameralment;

Hadet it-taghrif mehtieg, fosthom li issa l-akkuzat jista’ jirrisjedi f’ fond li huwa ha b’ kiri f’ 2, St. Bernard Flats, 34/B Main Street, St. Julian’s;

Rat l-oppozizzjoni registrata *seduta stante* mill-Prosekutur Dr. S.Tonna Lowell.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkuzat kien gie moghti l-liberta’ provvizorja b’ Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istuttorja tat-12 ta’ Marzu, 2004, (fol. 829 tal-process) li bih kienu gew imposti diversi kondizzjonijiet li hu ried josserva, fosthom li joqghod taht “*house arrest”* (Sic!) fil-fond 147 Carmen Flats 1, Triq Hal Qormi Torretta, Santa Venera.

Illi b' Digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor.Prim.Imhallef Dr. V. De Gaetano tal-21 ta' Lulju, 2006 (fol. 1107 tal-process), wara li l-Qorti rat l-artikolu **578** tal-Kodici Kriminali, peress li l-imgieba ta' Richard Grech fil-konfront ta' ommu f' okkazjonijiet matul dawk l-ahhar xhur – imgieba aggressiva w vjolenta – tammonta ghal raguni tajba biex din il-Qorti tipprocedi skond il-proviso tal-artikolu 578 tal-Kodici Kriminali, fil-waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors ta' Josephine Grech , laqghet it-talba tal-Avukat Generali w konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-proviso tal-art. 578 tal-Kap. 9, nehhiet il-beneficcju tal-helsien mill-arrest ta' Richard Grech u ordnat l-arrest tieghu mill-gdid *donec aliter provideatur*, u salv u impregudikati kwalsiasi rikors iehor ghall-applikazzjoni tal-artikolu 579 talvolta pendenti quddiem il-Qorti Istruttorja; *(1)*

Ikkonsidrat;

Illi l-provvediment imsemmi nghata skond il-proviso tal-**Art. 578** tal-Kodici Kriminali li jaghti s-setgha lill-Qrati li wara li l-akkuzat ikun gie mehlus mill-arrest, f'kull waqt iehor tal-proceduri, fuq talba tal-Pulizija jew tal-Avukat Generali, meta jingiebu quddiemha ragunijiet tajba, tnehhilu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest tieghu mill-gdid.

Minn dan jidher li din il-Qorti diversament preseduta ma kienetx irrevokat il-helsien mill-arrest ghal xi ksur tal-kondizzjoni imposta fuqu ghall-ghoti tal-liberta provizorja, kif mahsub fl-art. 579, imma ghax, fil-fehma taghha, kien hemm raguni tajba biex isir hekk.

Illi ghalkemm il-Qorti issa hija preseduta minn Imhallef differenti, baqghet l-istess Qorti u ma tarax li hija ghandha tbiddel id-decizjoni taghha semplicement ghax tbiddel l-Imhallef li qed jippresjediha.

Illi l-unika raguni li adduca waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur biex isir dan kien ghax ghadda hafna zmien u ghax x aktarx ser jghaddi hafna zmien iehor qabel ma l-

akkuzat ikun jista' jghaddi guri. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux bizzejjed biex din il-Qorti tibdel il-fehma taghha espressa fid-digriet tal-21 ta' Lulju, 2006 fuq imsemmi. Jekk l-akkuzat li kien inghata il-beneficcju tal-helsien mill-arrest ma gharafx igib ruhu tajjeb biex juri lil Qorti li kien jimmeritah li jkun igawdi l-liberta' provizorja, issa ma jistax jilmenta li qed jghaddi z-zmien li bil-fors irid jiddekorri biex il-proceduri jiehdu l-kors taghhom.

Ghalhekk din il-Qorti qed **tichad** it-talba, pero' ser taghmel kull sforz biex, fil-limiti tal-possibbli, tappunta il-guri tal-akkuzat kemm jista' jkun malajr, okkorrendo billi taghtih il-priorita' xierqa ladarba l-akkuzat jinsab taht arrest u okkorrendo wkoll billi anki tappunta bi priorita' guri ta' akkuzat iehor li jrid jigi deciz qabel din il-kawza, kif il-Qorti giet infurmata li jrid isir mill-Avukat Prosekutur.

Dad-Digriet ghandu jigi notifikat lill-akkuzat, lill-Avukat Generali u lill-Kummiossarju tal-Pulizija .

***(1) ghaliex kien sar-rikors iehor mill-Prosekuzzjoni ghar-revoka tal-liberta' provizorja minnhabba ksur tal-kondizzjonijiet imposta mill-Qorti Istruttorja fid-digriet taghha originali tat-12 ta' Marzu, 2004, li pero', ghal xi raguni inspjegabbli, qatt ma gie degretat.***

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------